MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 615/2004/1

Kawza fil-lista: 1

**Philip Grima**
**Vs**
**Jason u Audrey, konjugi Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Mario Chant u Rachel Mugliette fit-13 ta' Awissu 2004 li permezz tieghu, "a tenur ta' l-artikolu 283A tal-Kap.12" talbu t-thassir tal-mandat ta' zgumbrament numru 1398/04, jew alternattivament is-sospensjoni tieghu;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Philip Grima li permezz taghha, inter alia, eccepixxa li l-Artikolu 283A citat mir-rikorrenti huwa inapplikabbli ghal-kaz odjern, stante li dan jaghti

jedd biss "lil min jinhareg kontrih att esekuttiv u mhux lil terzi…."; [para.3]

Rat li r-rikors giet differit ghad-decizjoni dwar din it-tielet eccezzjoni;

Rat l-atti kollha relevanti, inkluzi dawk tal-mandat ta' zgumbrament;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**Fatti**
Illi l-fatti relevanti ghal vertenza in disamina huma s-segwenti. Illi permezz ta' sentenza moghtija fil-21 ta' Ottubnru 2003 fl-ismijiet "Philip Grima vs Jason u Audrey Camilleri", din il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenuti, laqet it-talbiet attrici u ordnat lill-konvenuti jirrilaxxjaw lill-attur fi zmien tlett xhur mill-fond indikat fl-istess sentenza.

Illi peress li fil-mori tal-kawza, il-konjugi Camilleri kienu bieghu l-fond lir-rikorrenti Mario Chant u Rachel Mugliette, fil-mument tal-ghoti tas-sentenza l-konjugi Camilleri ma kienux aktar legittimi kontraditturi, u l-fond kien qed jigi okkupat mill-akkwirenti l-godda.

Illi in segwitu, fit-2 ta' Awissu 2004 l-attur Philip Grima ottjena il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru 1398/04 kontra l-konvenuti Jason u Audrey, konjugi Camilleri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Artikolu 283A Kap.12 li fuqu r-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka jew sospensjoni tal-mandat de quo, jaghti dritt biss lil "min jinhareg kontrih att esekuttiv" u, ghalhekk persuni li mhumiex indikati f' dan l-att esekuttiv ma jistghux jitolbu r-revoka tal-mandat, jew is-sospensjoni tieghu. In fatti l-istess att mhuwiex esegwibbli kontra tieghu.

Kif insenjat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza *Gulab Chatlani vs George Grixti deciza fit-2 ta' Dicembru 1991*,

"ebda att gudizzjarju, fis-sistema taghna, ma jista' jkollu effikacja jew jigi mibghut u jolqot lil xi hadd li m' huwiex nominat" fil-mandat.

Hija opportuna l-osservazzjoni ulterjuri li mandat esekuttiv huwa accessorju ghall-kawza principali, u ghalhekk jista' jinhareg biss kontra persuna li tkun konvenuta jew kjamata fil-kawza f' dawk il-proceduri. Persuni li ma kienux parti fil-kawza huma *res inter alios acta.*

Konformament fil-kaz prezenti, il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-mandat de quo ma jstax jigi esegwit kontra r-rikorrenti stante li dawna [li lanqas kienu parti fil-kawza] mhumiex indikati fil-mandat; ghall-istess raguni, l-istess rikorrenti ma jistghux jitolbu r-revoka jew is-sospensjoni tieghu gjaladarba ma nharigx kontra taghhom.

Dan premess u kkunsidrat, it-tielet eccezzjoni tal-intimat Philip Grima hija fondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tilqa' t-tielet eccezzjoni, u tichad it-talbiet tar-rikorrenti; filwaqt li tirribadixxi li l-mandat ta' zgumbrament numru 1398/04 ma jistax jigi esegwit kontra l-istess rikorrenti.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------